**58. Il-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Alex Borg, f'ismu u f'isem il-Grupp Parlamentari tal-Oppożizzjoni, jipproponi:**

Peress li fis-16 ta' Ottubru 2017 il-ġurnalista Daphne Caruana Galizia ġiet assassinata permezz ta' karozza bomba;

Peress li l-assassinju ta' ġurnalista f'pajjiż demokratiku huwa attakk fuq il-libertà tal-espressjoni, fuq il-ġurnaliżmu ħieles u indipendenti,. fuq is-saltna tad-dritt u fuq id-demokrazija nnifisha;

Peress li l-Bord tal-Inkjesta Pubblika dwar l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia ppubblika r-rapport finali tiegħu fid-29 ta' Lulju 2021;

Peress li l-Bord tal-Inkjesta Pubblika kkonkluda li l-Istat għandu jerfa' r-responsabbiltà għall-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia minħabba li ħoloq atmosfera ta' impunità, iġġenerata mill-ogħla livelli fil-qalba tal-amministrazzjoni f'Kastilja, li nfirxet lejn entitajiet oħra tal-Istat u li wasslet għall-kollass tas-saltna tad-dritt;

Peress li l-Bord tal-Inkjesta Pubblika għamel għadd ta' rakkomandazzjonijiet intiżi sabiex jissaħħu s-saltna tad-dritt, il-governanza tajba, il-ħarsien tal-ġurnalisti, il-libertà tal-espressjoni, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, kif ukoll l-istituzzjonijiet ta' pajjiżna;

Peress li dawn ir-rakkomandazzjonijiet huma meħtieġa sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet serji identifikati mill-Bord tal-Inkjesta Pubblika u sabiex jiġi evitat li jerġgħu jinħolqu ċ-ċirkostanzi li ppermettew l-assassinju ta' ġurnalista;

Peress li għaddew aktar minn ħames snin mill-pubblikazzjoni tar-rapport finali tal-Bord tal-Inkjesta Pubblika u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu għadhom ma ġewx implimentati bis-sħiħ;

Peress li kull dewmien ulterjuri fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet idgħajjef iktar il-fiduċja tal-poplu fl-istituzzjonijiet, fis-saltna tad-dritt u fl-impenn tal-Istat li jiggarantixxi ambjent sigur għall-ġurnalisti u għal dawk kollha li jaħdmu fl-interess pubbliku;

Peress li huwa d-dmir tal-Gvern li jagħti rendikont sħiħ u trasparenti lill-Parlament u lill-poplu dwar l-implimentazzjoni ta' kull rakkomandazzjoni magħmula mill-Bord tal-Inkjesta Pubblika;

U peress li l-implimentazzjoni sħiħa ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet ma tistax tibqa' tiġi posposta;

Għalhekk din il-Kamra tirrisolvi li:

1. Tiddikjara li l-implimentazzjoni sħiħa tar-rakkomandazzjonijiet tal-Bord tal-Inkjesta Pubblika fl-intier tagħhom hija obbligu tal-lstat.

2. Tiddeplora n-nuqqas ta' azzjoni min-naħa tal-Gvern fil-ħames snin (5) li ilha ppubblikata biex jimplimenta r-rakomandazzjonijiet kollha tal-Inkjesta Pubblika dwar l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia.

3. Tesiġi li l-Gvern, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 2026 ikun implimenta bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet kollha fl-intier tagħhom tal-Inkjesta Pubblika dwar l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia.

**04.09.2026**